Nru. 17,568
Prezz Lm1.60c
Price Lm1.60c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta 13 ta' April, 2004
Tuesday, 13th April, 2004

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 375

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,566 tas-6 ta' April, 2004.

A.L. Nru. 153 ta' l-2004: Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta (Kap. 409); Regolamenti ta' l-2004 dwar Provdituri tas-Servizz ta' l-Għads Rikreattiv.

A.L. Nru. 154 ta' l-2004: Att ta' l-2003 dwar il-Mediċini (Att Nru. III ta' l-2003); Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Importazzjoni u d-Distribuzzjoni bl-Ingrossa ta' Prodotti Medi-ċinali.

A.L. Nru. 155 ta' l-2004: *Merchant Shipping Act (Cap. 234); Merchant Shipping (Marine Equipment) Regulations, 2004* .

It-13 ta' April, 2004

Nru. 376

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-13 ta' April, 2004
(File No. L632/74/II)

DIKJARAZZJONI MILL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Mejju, 1975 taħt in-

GOVERNMENT NOTICES

No. 375

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 17,566 of the 6th April, 2004.

L.N. No. 153 of 2004: Malta Travel and Tourism Services Act (Cap. 409); Recreational Diving Service Provider Regulations, 2004.

L.N. No. 154 of 2004: Medicines Act, 2003 (Act No. III of 2003); Importation and Wholesale Distribution of Medicinal Products Regulations, 2004.

L.N. No. 155 of 2004: Merchant Shipping Act (Cap. 234); Merchant Shipping (Marine Equipment) Regulations, 2004 .

13th April, 2004

No. 376

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

13th April, 2004

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the Declaration of the President of Malta published in the Government Gazette of the 16th May, 1975

Notifikazzjoni Nru. 333, il-President ta' Malta kien iddikjara illi l-art hawn taħt deskritta hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u billi l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja f'Santa Venera:

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 878 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, mill-Majjistral u mill-Punent ma' toroq pubbliċi jew irjieħ verjuri.

2. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 102 metri kwadri, li tmiss min-Nofsinhar u mill-Punent ma' proprjetà ta' Leonard Parkhurst u mill-Grigal ma' proprjetà ta' Vica Limited jew irjieħ verjuri.

L-artijiet hawn fuq imsemmija jidhru immarkati fuq il-pjanti P.D. 104_75_1_B u P.D. 104_75_1_A bħala *plots* 4D u 6G rispettivament li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) Edward Fenech Adami
President

Is-6 ta' April, 2004

under Notice No. 133, the President of Malta had declared the undermentioned land to be required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and whereas this land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land at Santa Venera:

1. A plot of land of the area of about 878 square metres, bounded on the North, North West and West by public roads or more precise boundaries.

2. A plot of land of the area of about 102 square metres, bounded on the South and West by property of Leonard Parkhurst and on the North East by property of Vica Limited or more precise boundaries.

The abovementioned lands are shown marked on plans marked P.D. 104_75_1_B u P.D. 104_75_1_A as plots 4D and 6G respectively which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Edward Fenech-Adami
President

6th April, 2004

Nru. 377

AKKWIST TA' ART

DIN il-proklama li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' din l-Ordinanza.

It-13 ta' April, 2004
(File No. L836/89)

DIKJARAZZJONI MILL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-28 ta' Ġunju, 1990 taħt in-Notifikazzjoni Nru. 443, il-President ta' Malta kien iddikjara illi l-art hawn taħt deskritta hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta'

No. 377

ACQUISITION OF LAND

THE following proclamation made by the President of Malta under section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of this Ordinance.

13th April, 2004

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the Declaration of the President of Malta published in the Government Gazette of the 28th June, 1990 under Notice No. 443, the President of Malta, had declared the undermentioned land to be required by the competent authority for a public purpose in accordance with the

l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u billi l-art m'għadhiex aktar ħekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha talliġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

Is-servitù li ġejjin f'Ħaż-Żebbuġ, Malta:

1. Servitù li jikkonsisti fit-tħaffir ta' trinka 91 metru twila, 0.75 metri wiesgħa u 2 metri fonda, li tifforma parti minn għalqa tal-kejl ta' 7,130 metru kwadru li tinkludi fuqha tliet (3) *manholes*, 1.5 metri twal, 0.75 metri wesgħin u 2 metri fondi, li tmiss mill-Majjistral u mil-Lbiċ ma' triq pubblika u mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Pawlu Sciortino;

2. Servitù li jikkonsisti fit-tħaffir ta' trinka 238 metru twila, 0.75 metri wiesgħa u 2 metri fonda, li tifforma parti minn għalqa tal-kejl ta' 25,729 metru kwadru li tinkludi fuqha seba' (7) *manholes*, 1.5 metri twal, 0.75 metri wesgħin u 2 metri fondi, li tmiss mill-Majjistral u mit-Tramuntana ma' triq pubblika u min-Nofsinhar parti ma' proprjetà ta' Philip Abela u oħrajn u parti ma' proprjetà ta' Carmelo Pace.

Is-servitù hawn fuq imsemmija jidhru fuq il-pjanta L.D. 104/90 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

Din in-Notifikazzjoni tħassar dik ippubblikata bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 443 tat-28 ta' Ġunju, 1990.

(Iff) GUIDO DE MARCO
President

Id-29 ta' Marzu, 2004

provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and whereas this land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following easements at Żebbuġ, Malta:

1. Easement consisting in the digging of a trench 91 metres long, 0.75 metres wide and 2 metres deep, forming part of a field of the area of 7,130 square metres including on it three (3) manholes, 1.5 metres long, 0.75 metres wide and 2 metres deep, bounded on the North West and South West by a public road and on the North by property of Pawlu Sciortino;

2. Easement consisting in the digging of a trench 238 metres long, 0.75 metres wide and 2 metres deep, forming part of a field of the area of 25,729 square metres including on it seven (7) manholes, 1.5 metres long, 0.75 metres wide and 2 metres deep, bounded on the North West and North by a public road and on the South partly by property of Philip Abela and others and partly by property of Carmelo Pace.

The abovementioned easements are shown marked on plan L.D. 104/90 which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

This notice supersedes the one published with Government Notice No. 443 of the 28th June, 1990.

(Sgd) GUIDO DE MARCO
President

29th March, 2004

Nru. 378

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-13 ta' April, 2004
(File No. L456/88)

DIKJARAZZJONI MILL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-17 ta' Awissu, 1990 taħt in-

No. 379

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

13th April, 2004

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the Declaration of the President of Malta published in the Government Gazette of the 17th August,

Notifikazzjoni Nru. 548, il-President ta' Malta kien iddikjara illi l-art hawn taħt deskritta hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u billi l-art m'għadhiex aktar ħekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha talliġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fix-Xlendi, Għawdex:

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 296 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral u mix-Xlokk ma' triq pubblika, u mill-Grigal ma' proprjetà ta' P.A.M. Limited.

2. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 166 metru kwadru, li tmiss mix-Xlokk ma' triq pubblika, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Anthony Grech u mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Mechs Limited.

3. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 95 metru kwadru, li tmiss mix-Xlokk ma' proprjetà ta' All Woods & Steel Limited, mill-Majjistral ma' proprjetà ta' P.A.M. Limited u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Anthony Grech u oħrajn.

4. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 58 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' P.A.M. Limited u mil-Lbiċ u mill-Punent ma' proprjetà ta' Anthony Grech u oħrajn.

L-artijiet hawn fuq imsemmija jidhru mmarkati bħala *plots* 1A, 1B, 1C u 1D rispettivament fuq il-pjanta L.D. 185/90/1 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) Guido de Marco
President

Id-29 ta' Marzu, 2004

Nru. 379

AKKWIST TA' ART

DIN il-Proklama li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' dan l-Ordinanza.

It-13 ta' April, 2004
(File No. L241/92)

PROKLAMA TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bl-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-

1990 under Notice No. 548, the President of Malta had declared the undermentioned land to be required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and whereas this land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land at Xlendi, Gozo:

1. A plot of land of the area of about 296 square metres, bounded on the North West and South East by a public road, and on the North East by property of P.A.M. Limited.

2. A plot of land of the area of about 166 square metres, bounded on the South East by a public road, on the South West by property of Anthony Grech and on the North West by property of Mechs Limited.

3. A plot of land of the area of about 95 square metres, bounded on the South East by property of All Woods & Steel Limited, on the North West by property of P.A.M. Limited and on the South West by property of Anthony Grech and others.

4. A plot of land of the area of about 58 square metres, bounded on the North East by property of P.A.M. Limited and on the South West and West by property of Anthony Grech and others.

The abovementioned lands are shown as plots 1A, 1B, 1C and 1D respectively on plan L.D. 185/90/1 which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Guido de Marco
President

29th March, 2004

No. 379

ACQUISITION OF LAND

THE following Proclamation made by the President of Malta under section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of this Ordinance.

13th April, 2004

PROCLAMATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the provisions of section 4 of the Land

Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88), huwa pprovdut illi l-President ta' Malta jista', għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara illi l-art hija suġġetta għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art.

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi dikjarata suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-imsemmija Ordinanza, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Skeda

Art fl-Imqabba:–

1. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 23 metru twila, 0.75 metri wiesgħa u 1.75 metri fonda, li tinkludi *manhole* ta' 1.75 metri twila u metru wiesgħa u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 790 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Kunvent Santu Wistin tal-Belt Valletta, mil-Lvant ma' proprjetà ta' Alfio Testaferrata Bonici Għaxaq, u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' Gio Pio Depiro Gourgion.

2. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 21 metru twila, 0.75 metri wiesgħa, 1.75 metri fonda, tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 660 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' John Cassar Torregiani, mil-Lvant ma' proprjetà ta' Alfio Testaferrata Bonici Għaxaq u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' Gio Pio Depiro Gourgion.

3. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 161 metru twila, 0.75 metri wiesgħa, 1.75 metri fonda, li tinkludi 6 *manholes* ta' 1.75 metri twal u metru wisgħin, u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 14,438 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Alfio Testaferrata Bonici Għaxaq, min-Nofsinhar ma' triq pubblika u mil-Lvant ma' proprjetà ta' Wiġi Bugeja u oħrajn.

4. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 55 metru twila, 0.75 metri wiesgħa, 1.75 metri fonda, li tinkludi 2 *manholes* ta' 1.75 metri twal u metru wesgħin, u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 2,358 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana u mill-Punent ma' proprjetà ta' Alfio Testaferrata Bonici Għaxaq u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Natalizia Magri.

5. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 60 metru twila, 0.75 metri wiesgħa, 1.75 metri fonda, li tinkludi 2 *manholes* ta' 1.75 metri twal u metru

Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), the President of Malta can, for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights.

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights.

Now, therefore, I, by means of the powers of section 4 of the mentioned Ordinance, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Schedule

Land at Mqabba:–

1. The mentioned subsoil right consisting of a digging of a trench 23 metres long, 0.75 metres wide and 1.75 metres deep, consisting of a manhole of 1.75 metres long and a metre wide and laying of services for an indefinite period in a field measuring about 790 square metres, bounded on the North by property of the Saint Augustine Convent of Valletta, on the East by property of Alfio Testaferrata Bonici Għaxaq, and on the South by property of Gio Pio Depiro Gourgion.

2. The mentioned subsoil right consisting of a digging of a trench 21 metres long, 0.75 metres wide and 1.75 metres deep, laying of services for an indefinite period in a field measuring about 660 square metres, bounded on the North by property of John Cassar Torregiani, on the East by property of Alfio Testaferrata Bonici Għaxaq, and on the South by property of Gio Pio Depiro Gourgion.

3. The mentioned subsoil right consisting of a digging of a trench 161 metres long, 0.75 metres wide, 1.75 metres deep, consisting of 6 manholes of 1.75 metres long and a metre wide, and laying of services for an indefinite period in a field measuring about 14,438 square metres, bounded on the North by property of Alfio Testaferrata Bonici Għaxaq, on the South by a public road and on the East by property of Wiġi Bugeja and others.

4. The mentioned subsoil right consisting of a digging of a trench 55 metres long, 0.75 metres wide and 1.75 metres deep, consisting of 2 manholes of 1.75 metres long and a metre wide, and laying of services for an indefinite period in a field measuring about 2,358 square metres, bounded on the North and the West by property of Alfio Testaferrata Bonici Għaxaq, and on the South West by property of Natalizia Magri.

5. The mentioned subsoil right consisting of a digging of a trench 60 metres long, 0.75 metres wide, 1.75 metres deep, consisting of 2 manholes of 1.75 metres long and a metre

wisgħin, u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 3,254 metru kwadru, li tmiss mil-Lvant ma' proprjetà ta' Ġanni Busuttil u oħrajn, mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Alfio Testaferrata Bonici Għaxaq u mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Natalizia Magri.

6. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir ħaffir ta' trinka 32 metru twila, 0.75 metri wiesgħa, 1.75 metri fonda, li tinkludi *manhole* ta' 1.75 metru twila u metru wiesgħa, u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 2,448 metri kwadri, li tmiss mill-Punent ma' proprjetà ta' Natalizia Magri, mil-Lvant ma' proprjetà ta' John Formosa, u mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Ġanni Busuttil u oħrajn.

7. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir ħaffir ta' trinka 38 metru twila, 0.75 metri wiesgħa, 1.75 metri fonda, li tinkludi *manhole* ta' 1.75 metru twila u metru wiesgħa, u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 3,064 metru kwadru, li tmiss mill-Punent ma' proprjetà ta' Ġanni Busuttil, mit-Tramuntana u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' John Formosa.

8. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir ħaffir ta' trinka 51 metru twila, 0.75 metri wiesgħa, 1.75 metri fonda, li tinkludi 2 *manholes* ta' 1.75 metri twal u metru wisgħin, u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 2,940 metri kwadri, li tmiss mill-Punent ma' proprjetà ta' John Formosa, min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' Robert Tabone u mil-Lvant ma' proprjetà ta' Mary Schembri.

9. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir ħaffir ta' trinka 52 metru twila, 0.75 metri wiesgħa, 1.75 metri fonda, li tinkludi *manhole* ta' 1.75 metri twila u metru wiesgħa, u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 4,125 metru kwadru, li tmiss mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Mary Schembri, mil-Lvant ma' proprjetà tal-Kunvent tal-Patrijiet Dumnikani tal-Birgu, u mill-Grigal ma' proprjetà ta' Rev. Giuseppi Zammit.

10. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir ħaffir ta' trinka 52 metru twila, 0.75 metri wiesgħa, 1.75 metri fonda, li tinkludi 2 *manholes* ta' 1.75 metri twal u metru wesgħin, u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 3,805 metri kwadru, li tmiss mill-Punent ma' proprjetà ta' Mary Schembri, mill-Grigal ma' proprjetà ta' Rev. Giuseppi Zammit u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Kunvent Patrijiet Dumnikani tal-Birgu.

11. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir ħaffir ta' trinka 117-il metru twila, 0.75 metri wiesgħa, 1.75 metri fonda, li tinkludi 3 *manholes* ta' 1.75 metri twal u metru wisgħin, u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 3,556 metru kwadru, li tmiss mix-Xlokk ma' Triq Valletta, min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' Rev.

wide, and laying of services for an indefinite period in a field measuring about 3,254 square metres, bounded on the East by property of Ġanni Busuttil and others, on the North West by property of Alfio Testaferrata Bonici Għaxaq, and on the North by property of Natalizia Magri.

6. The mentioned subsoil right consisting of a digging of a trench 32 metres long, 0.75 metres wide, 1.75 metres deep, consisting of a manhole of 1.75 metres long and a metre wide, and laying of services for an indefinite period in a field measuring about 2,448 square metres, bounded on the West by property of Natalizia Magri, on the East by property of John Formosa, and on the North by property of Ġanni Busuttil and others.

7. The mentioned subsoil right consisting of a digging of a trench 38 metres long, 0.75 metres wide, 1.75 metres deep, consisting of a manhole of 1.75 metres long and a metre wide, and laying of services for an indefinite period in a field measuring about 3,064 square metres, bounded on the West by property of Ġanni Busuttil, on the North and the South by property of John Formosa.

8. The mentioned subsoil right consisting of a digging of a trench 51 metres long, 0.75 metres wide, 1.75 metres deep, consisting of 2 manholes of 1.75 metres long and a metre wide, and laying of services for an indefinite period in a field measuring about 2,940 square metres, bounded on the West by property of John Formosa, on the South by property of Robert Tabone and on the East by property of Mary Schembri.

9. The mentioned subsoil right consisting of a digging of a trench 52 metres long, 0.75 metres wide, 1.75 metres deep, consisting of a manhole of 1.75 metres long and a metre wide, and laying of services for an indefinite period in a field measuring about 4,125 square metres, bounded on the South West by property of Mary Schembri, on the East by property of the Dominican Friars' Convent of Vittoriosa, and on the North East by property of Rev. Giuseppi Zammit.

10. The mentioned subsoil right consisting of a digging of a trench 52 metres long, 0.75 metres wide, 1.75 metres deep, consisting of 2 manholes of 1.75 metres long and a metre wide, and laying of services for an indefinite period in a field measuring about 3,805 square metres, bounded on the West by property of Mary Schembri, on the North East by property of Rev. Giuseppi Zammit and on the South by property of the Dominican Friars' Convent of Vittoriosa.

11. The mentioned subsoil right consisting of a digging of a trench 117 metres long, 0.75 metres wide, 1.75 metres deep, consisting of 3 manholes of 1.75 metres long and a metre wide, and laying of services for an indefinite period in a field measuring about 3,556 square metres, bounded on the South East by Triq Valletta, on the South by property of Rev. Paul

Paul Buttigieg u mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Rev. Giuseppi Zammit.

L-artijiet hawn fuq imsemmija huma indikati bil-numri 1 sa 11 filwaqt li trinka hija murija bil-kulur aħmar fuq pjanta markata L.D. 139/92, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Din il-Proklama tħassar dik ippubblikata bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 561 tal-25 ta' Awissu, 1992.

(Iff) GUIDO DE MARCO
President

Id-29 ta' Marzu, 2004

Buttigieg and on the North by property of Rev. Giuseppi Zammit.

The above mentioned lands are indicated with numbers 1 to 11 whilst the trench is shown with the colour red on plan marked L.D. 139/92, which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

This Proclamation cancels that published with Government Notice No. 561 of the 25th August, 1992.

(Sgd) GUIDO DE MARCO
President

29th March, 2004

Nru. 380

AKKWIST TA' ART

DIN il-Proklama li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' dan l-Ordinanza.

It-13 ta' April, 2004
(File No. L366/2000)

PROKLAMA TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bl-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88), huwa pprovdut illi l-President ta' Malta jista', għal skopijiet pubbliċi jiddikjara illi l-art hija suġġetta għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art.

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi dikjarata suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-imsemmija Ordinanza, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Skeda

Art fil-Mosta:–

1. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 25.5 metri twila, 1.2 metri wiesgħa u 1.2 metri fonda, taħt *driveway* ta' 67, Triq il-Kbira, il-Mosta, li

No. 380

ACQUISITION OF LAND

THE following Proclamation made by the President of Malta under section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of this Ordinance.

13th April, 2004

PROCLAMATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the provisions of section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), the President of Malta can, for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights.

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights.

Now, therefore, I, by means of the powers of section 4 of the mentioned Ordinance, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Schedule

Land at Mosta:–

1. The mentioned subsoil right consisting of a digging of a trench 25.5 metres long, 1.2 metres wide and 1.2 metres deep, under driveway of 67, Triq il-Kbira, Mosta, bounded on the

tmiss mil-Lbiċ ma' triq pubblika, mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Alessio Vella u mill-Grigal ma' sqaq.

L-art hawn fuq imsemmija hija murija bil-kulur aħdar filwaqt li trinka hija murija bil-kulur aħmar fuq pjanta markata P.D. 308_2003, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GUIDO DE MARCO
President

Id-29 ta' Marzu, 2004

South West by a public road, on the North West by property of Alessio Vella and on the North East by an alley.

The above mentioned lands are shown in colour green respectively whilst the trench is shown with the colour red on plan marked P.D. 308_2003, which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GUIDO DE MARCO
President

29th March, 2004

Nru. 381

AKKWIST TA' ART

DIN il-Proklama li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9 (1) ta' dik l-Ordinanza.

It-13 ta' April, 2004
(File No. L75/74/VI/5C)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-15 ta' Ġunju, 1982 taħt in-Notifikazzjoni Nru. 271, il-President ta' Malta kien iddikjara illi l-biċċa art fil-limiti tar-Rabat, tal-kejl ta' 48,279 metru kwadru - li tinkludi girna - li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà ta' l-Ospizju ta' Saura, mill-Grigal ma' proprjetà tal-werrieta ta' Frances Chesney Sceberras D'Amico Inguanez u mix-Xlokk ma' proprjetà tas-Sur Joseph Ghigo, hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u billi parti minn din l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex meħtiega mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fir-Rabat:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 13,468 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Saura *Hospital*, mill-Grigal ma' proprjetà ta' Matteo Vella u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' Carm Zerafa.

No. 381

ACQUISITION OF LAND

THE following Proclamation made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9 (1) thereof.

13th April, 2004

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the Declaration of the President of Malta published in the Government Gazette of the 15th June, 1982 under Notice No. 271, the President of Malta had declared that the plot of land in the limits of Rabat, of the area of 48,279 square metres - which includes a girna - bounded on the North West by property of the Saura Hospice, on the North East by property of the heirs of Frances Chesney Sceberras D'Amico Inguanez and on the South East by property of Mr Joseph Ghigo, is required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and whereas part of this land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land at Rabat:

A plot of land of the area of 13,468 square metres, bounded on the North West by property of the Saura Hospital, on the North East by property of Matteo Vella and on the South by property of Carm Zerafa.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar u bħala *plot* Nru. 5C fuq pjanta L.D. 77/82/A/4 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GUIDO DE MARCO
President

Id-29 ta' Marzu, 2004

The abovementioned land is shown marked with the colour red as plot No. 5C on plan marked LD 77/82/A/4 which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GUIDO DE MARCO
President

29th March, 2004

Nru. 382

AKKWIST TA' ART

DIN il-Proklama li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' din l-Ordinanza.

It-13 ta' April, 2004
(File No. L814/85)

PROKLAMA TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bl-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88), huwa pprovdut illi l-President ta' Malta jista', għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara illi l-art hija suġġetta għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art.

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi dikjarata suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-imsemmija Ordinanza, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Skeda

Art f'Birkirkara:–

1. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir ħaffir ta' trinka 40 metru twila, 0.75 metri wiesgħa u 2 metri fonda, li tinkludi 2 *manholes* kull waħda 2 metri b'1.5 metri u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 2,995 metru kwadru, li tmiss mill-Punent ma' triq pubblika, min-Nofsinhar ma' proprjetà tas-Sur Giuseppe Borg u oħrajn u mil-Lvant parti ma' proprjetà tal-Knisja Parrokkjali ta' Birkirkara u parti ma' triq pubblika.

No. 382

ACQUISITION OF LAND

THE following Proclamation made by the President of Malta under section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of this Ordinance.

13th April, 2004

PROCLAMATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the provisions of section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), the President of Malta can, for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights.

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights.

Now, therefore, I, by means of the powers of section 4 of the mentioned Ordinance, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Schedule

Land at Birkirkara:–

1. The mentioned subsoil right consisting of a digging of a trench 40 metres long, 0.75 metres wide and 2 metres deep, including 2 manholes each one 2 metres by 1.5 metres and laying of services for an indefinite period in a field measruing about 2,995 square metres, bounded on the West by a public road, on the South by property of Mr Giuseppe Borg and others and on the East party by property of the Birkirkara Parish Church and partly by a public street.

L-art hawn fuq imsemmija hija murija bil-kulur blu filwaqt it-trinka hija murija bil-kulur aħmar fuq pjanta mmarkata L.D. 217/85, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

Din il-Proklama tħassar dik ippubblikata bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 8 tas-7 ta' Jannar 1986.

(Iff) GUIDO DE MARCO
President

Id-29 ta' Marzu, 2004

The above mentioned land is shown with the colour blue whilst the trench is shown marked with the colour red on plan marked L.D. 217/85 which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

This Proclamantion cancels that published with Government Notice No. 8 of the 7th January 1986.

(Sgd) GUIDO DE MARCO
President

29th March, 2004

Nru. 383

AKKWIST TA' ART

DIN il-Proklama li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' din l-Ordinanza.

It-13 ta' April, 2004
(File No. L297/97)

PROKLAMA TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bl-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88), huwa pprovdut illi l-President ta' Malta jista', għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara illi l-art hija suġġetta għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art.

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi dikjarata suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-imsemmija Ordinanza, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Skeda

Art fl-Iklin:–

1. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 85 metri twila, 0.75 metri wiesgħa u 1.5 metri fonda, tqegħid ta' katusi għal żmien indefinit u bini ta' 3 *manholes* ta' 0.75 metri b'0.75 metri u 1.5 metri fondi, f'għalqa tal-kejl ta' madwar 548 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Knisja, mill-Punent ma' proprjetà ta' Victoria Grech u mix-Xlokk ma' sqaq pubbliku.

No. 383

ACQUISITION OF LAND

THE following Proclamation made by the President of Malta under section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of this Ordinance.

13th April, 2004

PROCLAMATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the provisions of section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), the President of Malta can, for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights.

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights.

Now, therefore, I, by means of the powers of section 4 of the mentioned Ordinance, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Schedule

Land at Iklin:–

1. The mentioned subsoil right consisting of a digging of a trench 85 metres long, 0.75 metres wide and 1.5 metres deep, laying of pipes for an indefinite period and construction of 3 manholes of 0.75 metres by 0.75 metres and 1.5 metres deep, in a field measuring about 548 square metres, bounded on the North by Church property, on the West by property of Victoria Grech and on the South East by a public alley.

2. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 107 metri twila, 0.75 metri wiesgħa, 1.5 metri fonda, tqegħid ta'servizzi għal żmien indefinit u bini ta' 3 *manholes* ta' 0.75 metri b'0.75 metri u 1.5 metri fondi, f'għalqa tal-kejl ta' madwar 1,465 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà ta' l-Uffiċċju Konġunt, mil-Lvant ma' proprjetà ta' Manuel Bonnici u min-Nofsinhar ma' sqaq pubbliku.

L-art hawn fuq imsemmija huma murija bil-kulur aħdar bħala *plots* numri 1 u 2 rispettivament filwaqt it-trinka hija murija bil-kulur aħmar fuq P.D. 107_2000, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) EDWARD FENECH ADAMI
President

Is-6 ta' April, 2004

2. The mentioned subsoil right consisting of a digging of a trench 107 metres long, 0.75 metres wide, 1.5 metres deep, laying of services for an indefinite period and construction of 3 manholes of 0.75 metres by 0.75 metres and 1.5 metres deep, in a field measuring about 1,465 square metres, bounded on the North West by property of the Joint Office, on the East by property of Manuel Bonnici and on the South by a public alley.

The above mentioned lands are shown with the colour green as plots numbered 1 and 2 respectively whilst the trench is shown marked with the colour red on P.D. 107_2000, which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) EDWARD FENECH-ADAMI
President

6th April, 2004

Nru. 384

AKKWIST TA' ART

DIN il-Proklama li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9 (1) ta' dik l-Ordinanza.

It-13 ta' April, 2004
(File No. L938/76)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni ta' l-Aġent President ta' Malta ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-7 ta' Ottubru, 1977 taħt in-Notifikazzjoni Nru. 606, l-Aġent President ta' Malta kien iddikjara illi l-art hawn taħt deskritta hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u billi l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtiega mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja f'Ħ'Attard:

No. 384

ACQUISITION OF LAND

THE following Proclamation made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9 (1) thereof.

13th April, 2004

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the Declaration of the Acting President of Malta published in the Government Gazette of the 7th October, 1977 under Notice No. 606, the Acting President of Malta had declared that the undermentioned land is required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and whereas this land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land at Attard:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 2,407 metri kwadri (2 tomniet, 0 sigħan, 8.5 kejliet), li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Gvern, min-Nofsinhar u mil-Lvant ma' proprjetà tal-werrieta tal-Prof. Luigi Preziosi.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata fuq il-pjanta L.D. 77/77 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GUIDO DE MARCO
President

Id-29 ta' Marzu, 2004

A plot of land of the area of 2,407 square metres (2 tomniet, 0 sigħan, 8.5 kejliet), bounded on the North by Government property, on the South and East by property of the heirs of Prof. Luigi Preziosi.

The abovementioned land is shown marked on plan L.D. 77/77 which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GUIDO DE MARCO
President

29th March, 2004

Nru. 385

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (INFORMAZZJONI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 385

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (INFORMATION)

THE Permanent Secretary in the Office of the Prime Minister has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Publio Agius	Direttur u Reġistratur ta' l-Istampa *Director and Press Registrar*	Informazzjoni *Information*	12-22.4.2004

It-13 ta' April, 2004

13th April, 2004

Nru. 386

ORDINANZA DWAR L-GĦELUQ TA' ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna ta' l-Argotti, il-Furjana

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li minn nhar il-Ġimgħa, il-21 ta' Mejju sa nhar il-Ħadd, it-23 ta' Mejju 2004, mis-6.00 p.m. 'il quddiem, il-Ġonna ta' l-Argotti jkunu taħt il-kontroll tal-Kunsill Malti tal-Kultura u l-Arti.

It-13 ta' April, 2004

No. 386

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Argotti Gardens, Floriana

IT is notified for general information that as enabled by section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Minister for Rural Affairs and the Environment has approved that from Friday, 21st May to Sunday, 23rd May 2004, from 6.00 p.m. onwards, Argotti Gardens will be under the control of The Malta Council for Culture and the Arts.

13th April, 2004

Nru. 387

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TA' L-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 387

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Christopher Calleja	18374 (M)	20, Blokk B, Triq it-Torri ta' l-Arloġġ, Binja Buqana, Mtarfa
Jean Mar Mangion	129285 (M)	3, "Noah's Art", Triq Ħal Resqun, Gudja
Jesmond Cutajar	230669 (M)	"Casa Sharlorin", Triq Ġoswalda Calleja, Żurrieq
Frank Buhagiar	768460 (M)	92, "Wild Cherry", Triq l-Imnarja, Birżebbuġa
Anthony Minuti	761155 (M)	Blokk B, Sunset Court, Flat 5, Triq F.M. Ferretti, Birżebbuġa
Jonathan Cassar	98084 (M)	10, Triq iż-Żurrieq, Qrendi
Rita Sacco	15574 (M)	"Kjalami", Triq it-Tempesta, Qrendi
Patrick Paul Attard	139997 (M)	5, Triq it-Telgħa, Qala, Għawdex
Steve Camilleri	321280 (M)	15, "Shamaya", Triq Lorenzo Gatt, Birkirkara
Michael Angelo Spiteri	23567 (G)	27, Triq it-Tmienja u Għoxrin ta' April 1688, Xagħra, Għawdex

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

It-13 ta' April, 2004

Nru. 388

ATT DWAR L-GĦAJNUNA FINANZJARJA LILL-INDUSTRIJI TAL-BIEDJA U TAS-SAJD (KAP. 146)

Applikazzjonijiet għall-Għajnuna f'Żona fit-Termini tar-Regolamenti dwar l-Aġenzija ta' Pagamenti, 2004

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 330 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-26 ta' Marzu, 2004, ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-irċevuta ta' l-applikazzjoni toħroġ mill-1 ta' Mejju, 2004 u mhux mill-15 ta' April, 2004 kif kien mgħarraf qabel.

It-13 ta' April, 2004

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

13th April, 2004

No. 388

AGRICULTURE AND FISHERIES INDUSTRIES (FINANCIAL ASSISTANCE) ACT (CAP. 146)

Area Aid Applications in Terms of the Paying Agency Regulations, 2004

WITH reference to Government Notice No. 330 published in the Government Gazette of the 26th March, 2004 it is notified for general information that the application receipt shall be issued as from the 1st May, 2004 and not from the 15th April, 2004 as previously notified.

13th April, 2004

Nru. 389

PERSUNI NATURALIZZATI BĦALA ĊITTADINI TA' MALTA

IL-LISTA li ġejja ta' persuni li ġew naturalizzati bħala ċittadini ta' Malta bejn Jannar/Marzu 2004, hija ppubblikata għall-informazzjoni ta' kulħadd skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 25 (1) ta' l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Kap. 188).

No. 389

PERSONS NATURALISED AS CITIZENS OF MALTA

THE following list of persons who have been naturalised as citizens of Malta during January/March 2004, is being published for general information in accordance with the provisions of section 25 (1) of the Maltese Citizenship Act (Cap. 188).

Kunjom *Surname*	Isem *Name*	Indirizz *Address*	Data ta' Naturalizzazzjoni *Date of Naturalization*
Attard	Troy	Tony's House, Apt 3, Triq David Cocco Palmeri, Nadur, Gozo	08/03/2004
Busuttil	Lou	L'Esclusif, Mgarr Road, Ghajnsielem, Gozo	08/03/2004
Cachia	Julia	"Thel" Upper Gardens, St Julians	08/03/2004
Camilleri	Benjamin	236 Triq il-Wardija, Qala, Gozo	30/03/2004
Camilleri	Joseph	236 Triq il-Wardija, Qala, Gozo	30/03/2004
Camilleri	Maximilian	236 Triq il-Wardija, Qala, Gozo	30/03/2004
Demajo	Teresa	62 Triq it-Trux, Gharb, Gozo	27/01/2004
El Miloudi	Giuma Nasser	L-Ankrott, Sqaq Lourdes, Swieqi	25/02/2004
Farrugia	Christopher George	Flat 1, Rosita Court, Triq Cassarino, Qawra	08/03/2004
Grixti	Zachary	32 Triq Santa Katarina, Birzebbuga	08/03/2004
Micallef	Onda Serena	4B N/S Triq il-Gizimin, Swieqi	30/03/2004
Mupimhidzi	Priviledge k/a Stephen	Stonecroft, Triq il-Qarsajja, Attard	08/03/2004
O'Cock	Isabelle	Med Vista, Flat 2A, St Mark Street, St Julians	08/03/2004
Sakota	Aleksandar	95 Mayflower, Triq il-Hida, Kappara, San Gwann	19/01/2004
Somasundarum	Bala	8 Spinola Court, Upper Gardens, Swieqi	09/01/2004
Zribi	Ousema	186 Balluta Bay, Flat 5, Manuel Dimech Street, St Julians	08/03/2004
Zribi	Sabrine	186 Balluta Bay, Flat 5, Manuel Dimech Street, St Julians	08/03/2004

Nru. 390

PERSUNI REĠISTRATI BĦALA ĊITTADINI TA' MALTA

IL-LISTA li ġejja ta' persuni li ġew irreġistrati bhala ċittadini ta' Malta bejn Jannar/Marzu 2004, hija ppubblikata għall-informazzjoni ta' kulħadd skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 25 (1) ta' l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Kap. 188).

No. 390

PERSONS REGISTERED AS CITIZENS OF MALTA

THE following list of persons who have been registered as citizens of Malta during January/March 2004, is being published for general information in accordance with the provisions of section 25 (1) of the Maltese Citizenship Act (Cap. 188).

Kunjom *Surname*	Isem *Name*	Indirizz *Address*	Data ta' Reġistrazzjoni *Date of Registration*
Agius	Vanita	C/O Binarju, Triq il-Linja, Attard	14/01/2004
Al Hariri	Rick (at birth Mohamed Khair)	Preca Court, Flat 10, 102, Old College Street, Sliema	30/01/2004
Arnold	Donald Lee	'Villa Dorothea', 7 Triq il-Etna, Mellieha	14/01/2004
Attard	Silvana	Block 1, Plot 3, Vjal il-Labour, Xewkija, Gozo	27/02/2004
Axiaq	Eileen	25 St Michael's Walk, Hawkings, Folkestone, Kent CT18 7EE, UK	23/01/2004
Azzopardi	Agnes Scott	Flat 9, Block D, Housing Estate, Birzebbuga	23/01/2004
Azzopardi	Karnchana	St Anthony, Bingemma, Limiti tar-Rabat	17/03/2004
Barbara	Mary Margaret	Weeks Flats No 3, St Mary Street, Birkirkara	14/01/2004
Betrow	Mohmed Molod Meftah	C/O Petit Paradise Hotel, 143 The Strand, Gzira	27/02/2004
Borg	Lisa	St Mary, Mosta Road, St Paul's Bay	12/03/2004
Borg	Paulette Ann	741 Mc Clay Road, Novato, California 94947, USA	27/02/2004
Bugeja	Maria	'Ave Maria', New Street Off Main Street, Mgarr, Malta	30/01/2004
Buhagiar	Edna Araujo	Block 3, Entrance A, Flat 4, Triq is-Salvatur, Kalkara	23/02/2004
Camilleri	Ilona Margaret	3 Highfield House, Xatt il-Palm, Bahar ic-Caghaq	05/03/2004
Caruana	Julie Ann	72 Paul Flats No 1, Triq il-Mandolina, Birzebbuga	14/01/2004
Caruana	Maria Christina	66 Flat 1, Triq il-Kurcifiss, Isla	23/02/2004
Cassar	Aneta	5 Pekin Street, Poplar, London E14 6EZ, UK	30/01/2004
Cassar	Christine Ann	Flat 7, Block E, Garden Apartments, Port Ruman Street, Qawra	05/03/2004
Cassar	Wayne Elvis	44 St Philip's Street, Birzebbuga	14/01/2004
Catania	Helen	The Whitehouse, 53 Triq il-Qasam, Swieqi	12/03/2004
Ceross	Aaron William	4 Church Street, Paceville	23/01/2004
Cheikh Ali	Mahmoud	9 Oratory Street, Senglea	14/01/2004
Clarkson	Sharon Healy k/a Sharon Lauren	Flat 4, Excelsior Court, Andrew Cunningham Street, St Paul's Bay	14/01/2004

Kunjom *Surname*	Isem *Name*	Indirizz *Address*	Data ta' Reġistrazzjoni *Date of Registration*
Cutajar	Maria Donina	271 Apt 6, Tower Road, Sliema	12/03/2004
Day	Patrick Jonathan	7 Westfield Avenue, Fareham, Hampshire PO14 1DP, UK	14/01/2004
Demicoli	Mitzi Sue	6 St John, Flat 3, Triq il-Parilja, Santa Venera	23/02/2004
Diamandidis	Natasha	Block 1, Flat 5, Triq id-Deheb Fin, Ta' Farzina, Qormi	30/01/2004
El Hasuni	Abdunasser Omar	Flat 6, Block H, Triq Jean Houel, St Julians	23/02/2004
El-Gadi	Abou Sema	63 Ditch Street, Paola	17/03/2004
Falzon	Theresa Lee	33 Linden Lane, Plainsboro, New Jersey 08536, USA	23/01/2004
Farrugia	Daniella Dominique	25 Luzio Street, Sliema	27/02/2004
Fernitico	Antonino	82, 82 D Old Bakery Street, Valletta	30/01/2004
Finocchiaro	Agatino	19 Greenwich Court, Flat 4, Triq il-Battaljun, San Gwann	12/03/2004
Galea	Francesca	Albergal, Flat 1, Triq Ghajn Qatet, Victoria, Gozo	23/01/2004
Gauci	Pamela	Wilderness, The Penthouse, Bidnija Road, Bidnija	14/01/2004
Gauci	Pirkko-Liisa Tellervo	190 Doriette, Triq in-Naxxar, Birkirkara	30/01/2004
Gibson	Cecil Earl	29 Orchidea, Triq Giovanni Gafa', Gharghur	30/01/2004
Guelfi	Fabrizio	Via San Giovanni Alle Catacombe, 7, Siracusa 96100, Italy	12/03/2004
Guelfi	Giorgio	Via San Giovanni Alle Catacombe, 7, Siracusa 96100, Italy	12/03/2004
Icao-Calleja	Jennifer	54 Triq Santu Rokku, Qormi	23/02/2004
Johnson	David Alan	Maisonette 3, Block 9, Triq il-Qala, St Paul's Bay	23/02/2004
Lattughi	Andrea	21 Zagara, Triq l-Isponsun, Kappara, San Gwann	05/03/2004
Lazarov	Vassil	Villa Ta' Jennie, St Peter Street, Gharb, Gozo	12/03/2004
Magri	Anna Marie	27 Triq il-Kanonku Frangisk Mangion, Gharb, Gozo	27/02/2004
Marotta	Marco	White Plains, Flat 10, Triq J Quintinus, St Paul's Bay	05/03/2004
Massa	Maria Cristina	Ta' Tina, Triq Cini, Qala, Gozo	05/03/2004
McClymont	Dennis	17 Selby Road, Holme Upon Spalding Moor, York YO43 4ES, UK	12/03/2004
McKinnon	Cathleen	13, Paceville Avenue, Paceville, St Julians	17/03/2004
Micallef	Joannie	Plot 31, Dun Salv Portelli Street, San Lawrenz, Gozo	27/02/2004
Mirchandani	Deepak	C/O Patsu House, Nazju Ellul Street, Gzira	12/03/2004
Mizzi	Maria Ramonita	Flat 2, Triq il-Harrigiet, Binja Harrigiet, Entrance C, Mqabba	12/03/2004
Mohr	Nadine	Beilstein Plot 87, Dun Gwann Camilleri Street, Nadur, Gozo	05/03/2004
Molnarova	Jana	23 Spinola Court, Upper Gardens, St Julians	23/02/2004
Muscat	Maria Anna	Flat 2, Derjada, Sqaq Rodolfu, Sliema	27/02/2004
Odom	Darrell Ray	4/2 Triq Anton Schembri Adami, Mosta	05/03/2004
Pandolfino	Tatiana	'Andrea Court', Flat 1, Triq Sant'Andrija, San Gwann	30/01/2004

Kunjom *Surname*	Isem *Name*	Indirizz *Address*	Data ta' Reġistrazzjoni *Date of Registration*
Pecci	Angelo Domenico	Via Giacomo Matteotti 22, Acicatena 95022, Catania Sicily	05/03/2004
Peralta	Carol Anne	12/12 Forest Street, St Julians	23/01/2004
Portelli Melkersson	Jessica Margareta	Three Crowns, Triq il-Qratas, Ibrag	23/01/2004
Psaila	Patricia Ann	232/233 Villa Damesene, Ghajn Zejtuna Street, Santa Maria Estate, Mellieha	27/02/2004
Rivoltini	Marco	Jasmine Flat 1, Triq Patri Wistin Born, Wied il- Ghajn	17/03/2004
Rochford	Richard Paul	69 Rotunda Road, Eastbourne, East Sussex BN23 6LF, UK	23/02/2004
Rogers	James Edward	51 Deerpark Crescent, Brampton, Ontario L6X 2T6, Canada	23/02/2004
Schinina'	Corrado	Madonna tat-Triq, Vjal l-Indipendenza, Bubaqra, Zurrieq	17/03/2004
Scicluna	Vera	47 Woodside, Gosport, Hampshire PO13 0YT, UK	23/01/2004
Scott	June Elizabeth	1 Beehive Close, Nine Elms, Swindon, Wiltshire SN5 5UL, UK	14/01/2004
Siddorn	Gareth	54 Plodder Lane, Farnworth, Bolton BL4 0DA, UK	27/02/2004
Spiteri	Margaret Elizabeth	Sydney Flats No 1, Cordina Street, Ghajnsielem, Gozo	30/01/2004
Stacey	Lisa Joan	53 St John Street, Birzebbuga	10/03/2004
Torry	Diane Joy	2450 Newport St, Burlington, Ontario L7M 3Y1, Canada	14/01/2004
Tortell	Dorothy Ann	52 Ames Street, Paekakariki, New Zealand	23/01/2004
Treble	Maria Louisa Jane	Bruce House Farm, Top Wath Road, Pateley Bridge HG3 5PG, UK	30/01/2004
Turner	Robbie James	55 Wensleydale Drive, Mornington 3931, Melbourne, Australia	23/02/2004
Uzcilas	Daniel Raymond	2 Edgecliffe Place, Peakhurst, 2210 NSW Australia	17/03/2004
Uzcilas	Simon Peter Alexander	2 Edgecliffe Place, Peakhurst, 2210 NSW Australia	17/03/2004
Uzcilas	Stephanie Isabel	Flat 1/2, 6 Allison Place, Glasgow G42 8HE, UK	17/03/2004
Vella	Carol Ann	38 Hazel Grove, Locksheath, Southampton, Hampshire, SO31 6SH, UK	17/03/2004
Ventorino	Antonino	Gem – Joe, Flat 1, Triq il-Kavetti, Marsaskala	17/03/2004
Von Brockdorf	Margaret	Casa Derry, Triq il-Wied, Iklin	17/03/2004
Westley	Brenton Ian	44 Driffield Road, Bridgewater 5155, South Australia	05/03/2004
Wheelan	Edward John	37 Totton Road, Thornton, Heath, CR7 7Q5, UK	27/02/2004
White	Robert Corbett	9 Hood Close, Langney Point, Eastbourne BN23 6B, UK	23/02/2004
Williams	Alan James	Queens Lodge, Clivedon Road, Burnham, Bucks, SL1 8NX, UK	05/03/2004
Xerri	Gloria	34 Triq il-Grazzji, Zabbar	23/01/2004
Zammit Cutajar	Susan Cynthia	89 Suvera, Triq il-Ghajn, Swieqi	23/02/2004

Nru. 391

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 391

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2004 Pt 21	Alfred Polidano	Polidano Press Ltd 112, Żona Industrijali Luqa	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	22	06.04.04
CD/3209/2004 Pt 71	Roland Darmanin Kissaun	'Seabreeze' 10, Triq Ġużeppi Calì Ta' Xbiex	Kategorija V - Servizzi professjonali u kummerċjali *Category V - Professional and business services*	74.87	06.04.04
CD/3209/2004 Pt 89	Joseph Balzan	'Filippa's' Main Street c/w Triq Mikielanġ Sapiano Żebbuġ Malta	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.021 93.022	06.04.04
CD/3209/2004 Pt 132	Anthony Vella	Twanny's Garage 6, Triq ix-Xwieni Albertown Marsa	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	50.2	06.04.04

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2004 Pt 136	Raymond Vella	'Ramon' 1, Melita Street c/w Triq San Girgor Sliema	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.021	05.04.04
CD/3209/2004 Pt 137	Mario Galea	'Gunpost' Triq l-Gherien c/w Arturo Issel Birżebbuġa	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.44	05.04.04
CD/3209/2004 Pt 138	Gerald Lewis	'Desire' 444, Triq Fleur-De-Lys Birkirkara	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42 52.43	06.04.04
CD/3209/2004 Pt 139	Stephen Borg	De Niro Pacino Triq il-Karmelitani Santa Venera	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.13	06.04.04
CD/3210/2004 Pt 1	Aronne Sultana	70, Triq il-Parroċċa Mellieha	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.03	05.04.04

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

It-13 ta' April, 2004

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Trading Licences Unit, Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

13th April, 2004

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 13 ta' l-2004

Tqegħid ta' Semi-Submersible Rig Zagreb 1

Ngħarrfu lill-baħħara li b'seħħ immedjat is-*Semi-submersible Rig* Zagreb 1 tqiegħed sa avviż ieħor fil-pożizzjoni:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
035˚ 47'.50	014˚ 30'.50

Ir-*Rig* huwa marbut ma' 9 ankri u li tqiegħdu f'forma tonda.

Ġie stabbilit ċirku f'żona b'raġġ ta' 500 metru ċentrat fil-pożizzjoni msemmija hawn fuq li fih ma jista' jidħol l-ebda bastiment tkun xi tkun ir-raġuni.

Il-pożizzjonijiet jirreferru għal WGS 84 DATUM.

C*hart* effettwata BA 2538.

It-13 ta'April, 2004

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 13 of 2004

Lay up of Semi-Submersible Rig Zagreb 1

Mariners are advised that with immediate effect the Semi-submersible Rig Zagreb 1 has been laid up until further notice in position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
035˚ 47'.50	014˚ 30'.50

The Rig is moored to 9 anchors and which have been laid in a circular configuration.

A circular zone of radius 500 metres centered on the above position has been established within which no vessel is permitted to enter for any reason whatsoever.

Positions are referred to WGS 84 DATUM.

Chart affected BA 2538.

13th April, 2004

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 14 ta' l-2004

Tqegħid ta' Fibre Optic Submarine Cable minn Malta sa Sqallija

Se jitqiegħed *fibre optic submarine cable* bejn il-Bajja tal-Balluta, Malta u Catania, Sqallija.

Ix-xogħlijiet mistennija li jibdew nhar l-Erbgħa, il-21 ta' April, 2004 u jitlestew nhar l-Erbgħa, it-2 ta' Ġunju, 2004. Il-bastiment *C/S Ile de Batz* se jagħmel ix-xogħlijiet imsemmija hawn fuq.

Il-*cable* se jitqiegħed fil-pożizzjonijiet li ġejjin:

Turn Point	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
Balluta Bay	035°54'.8688	014°29'.6220
1	035°55'.2799	014°29'.9154
2	035°55'.5971	014°30'.6317
3	035°55'.6782	014°30'.7196

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 14 of 2004

Laying of Fibre Optic Submarine Cable from Malta to Sicily

A fibre optic submarine cable will be laid between Balluta Bay, Malta and Catania, Sicily.

The works are expected to start on Wednesday, 21st April, 2004 and finish on Wednesday, 2nd June, 2004. The vessel *C/S Ile de Batz* will carry out the above-mentioned works.

The cable will be laid in the following positions:

4	035°56'.3548	014°32'.4684
5	035°56'.5549	014°33'.4119
6	035°56'.9961	014°34'.2947
7	035°57'.4309	014°34'.7610
8	035°59'0970	014°38'.0895
9	035°59'.1975	014°38'.5000
10	035°59'.4435	014°39'.0000
11	035°59'.7000	014°39'.2949
12	036°03'.3041	014°46'.5000
13	036°03'.5479	014°46'.8079
14	036°03'.8986	014°47'.5000
15	036°04'.0541	014°48'.0000
16	036°06'.7716	014°53'.4209
17	036°06'.9291	014°54'.2664
18	036°06'7612	014°55'.3219
19	036°07'.0606	014°56'.8910
20	036°07'.3885	014°57'.8518
21	036°08'.2000	015°01'.0310
22	036°08'.4525	015°02'.3512
23	036°08'.7567	015°03'.2124
24	036°11'.7934	015°08'.5256
25	036°23'.4182	015°17'.1963
26	036°24'.6312	015°17'.6179
27	036°25'.9815	015°18'.6246
28	036°26'7861	015°19'.7103
29	036°27'.4587	015°20'.3521
30	036°30'.7523	015°22'.2712
31	036°31'.3944	015°22'.4139
32	036°32'.0337	015°22'.7820
33	036°32'.4777	015°23'.2909
34	036°33'.1673	015°23'.6906
35	036°33'.8391	015°23'9174
36	036°34'.8990	015°24'.7042
37	036°38'.5485	015°27'.8786
38	036°39'6218	015°30'.5673
39	036°42'.5210	015°32'.4958
40	037°00'.0000	015°37'.2514
41	037°05'.4871	015°36'.3972
42	037°11'.9895	015°33'.9789
43	037°15'.7530	015°31'.2200
44	037°18'.2959	015°28'.6228
45	037°19'.6992	015°24'.9330
46	037°20'.2604	015°21'.8925
47	037°22'.8320	015°18'9286
48	037°24'.0644	015°14'.4161
49	037°24'.5026	015°10'.7373
50	037°25'2656	015°08'.9880
51	037°25'.6010	015°08'.7373
Catania	037°26'.8390	015°05'.2137

Minħabba f'hekk, il-baħħara huma mitluba jieħdu nota tar-rotta msemmija hawn fuq u jżommu 'l bogħod mill-bastiment C/S Ile de Batz meta jarawh.

In view of the above, mariners are requested to note the above route and give the vessel C/S Ile de Batz a wide berth when sighted.

It-13 ta' April, 2004

13th April, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Manager, Paying Agency (EU Funds)* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' Applikazzjonijiet għall-Mili tal-Pożizzjoni ta' *Manager, Paying Agency (EU Funds)* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

2.1 Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Manager, Paying Agency (EU Funds)* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. Dan il-kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra ta' tliet snin fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. Jekk il-*Manager, Paying Agency (EU Funds)* ma jagħtix/tagħtix servizz sodisfaċenti matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal dan il-grad sustantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku, is-servizz tagħha mal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent kif ukoll mal-Gvern jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċċjal Pubbliku, u matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 5, hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-dmirijiet ta' *Manager, Paying Agency (EU Funds)* u tkun trasferita għad-dmirijiet relatati mal-grad il-ġdid tagħha.

3. Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 5 (bħalissa Lm9,080 fis-sena). Fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti, il-persuna magħżula tkun intitolata għall-*performance bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju tagħha. F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, tithallas bħala *non-pensionable allowance*.

4. L-għanijiet u d-dmirijiet ewlenin ta' din il-pożizzjoni huma:-

(a) Familjarizzazzjoni mal-Liġijiet ta' l-Ewropa dwar l-*EAGGF - Guarantee Section* u l-*Common Agricultural Policy (CAP)* b'mod partikulari;

(b) Ko-ordinament mas-Servizz Bankarju biex jiġu effettwati pagamenti dwar talbiet għall-ħlas (*EAGGF - Guarantee Section* u *SMPPMA National Funds* kif japplika) mill-bdiewa;

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Manager, Paying Agency (EU Funds) in the Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Public Service Commission invites applications for the filling of the position of Manager Paying Agency (EU Funds) in the Ministry for Rural Affairs and the Environment.

2.1 The selected candidate will be expected to enter into a three-year performance contract as Manager, Paying Agency (EU Funds) in the Ministry for Rural Affairs and the Environment, which may be renewed thereafter for periods of three years, subject to satisfactory performance and results. Unsatisfactory performance as Manager Paying Agency (EU Funds) during the contract period will lead to termination of the contract.

2.2 If the selected candidate is a Public Officer, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. If the selected candidate is not a Public Officer, his/her service with the Ministry for Rural Affairs and the Environment as well as with Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or is terminated.

2.3 If the selected candidate is a Public Officer and is, during the contract period, appointed to a grade with a Salary Scale higher than scale 5, he/she will be required to relinquish his/her duties of Manager, Paying Agency (EU Funds) and be transferred to duties pertinent to hiṡċher new grade.

3. The Salary attached to the position of Manager, Paying Agency (EU Funds) is equivalent to the maximum of Salary Scale 5 (currently Lm9,080 per annum). The selected candidate will be entitled to a performance bonus up to a maximum of 10% for his/her salary subject to positive performance. In the case that the selected applicant is a public officer the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4. The main objectives and duties in this position are the following:-

(a) To familiarise himself/herself with European Regulation concerning EAGGF - Guarantee Section and the Common Agricultural Policy (CAP) in particular;

(b) To co-ordinate with the Banking Service and to effect payments of claims (EAGGF - Guarantee Section and SMPPMA National Funds, as applicable) requested by farmers;

(ċ) Għoti ta' l-appoġġ meħtieġ kollu permezz ta' l-Awtorità Kompetenti kif hemm fl-Anness Nru. 1 ta' l-Avviż Legali Nru. 126 ta' 2004 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-12 ta' Marzu 2004 dwar ir-Regolamenti tal-*Paying Agency;*

(d) It-tmexxija u/jew il-qadi ta' responsabbiltajiet oħra li jistgħu, minn żmien għal żmien jingħataw minn Awtorità Kompetenti fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, li jkunu jaqblu mad-Direttivi ta' l-Unjoni Ewropea;

(e) It-tmexxija, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' l-għajnuna miksuba mill-*Common Agricultural Policy* u/jew xi interventi tas-swieq u l-istrutturar tas-settur agrikolu li huwa ffinanzjat mill-*EAGGF - Guarantee Section*. L-*Authorisation function* jew parti minnha, li tinkludi s-servizz tekniku, tista' tiġi ddelegata mill-*Manager, Paying Agency* lil ħaddieħor, iżda r-responsabbiltà ta' l-applikazzjoni tal-ħidmiet delegati jibqgħu dejjem tal-*Manager, Paying Agency*.

(f) Il-ko-ordinament, it-tmexxija u l-approvazzjoni tal-manwli kollha ta' proċedura tal-*Paying Agency - EAGGF Guarantee Section* - li jinkludu wkoll il-manwal tal-proċeduri li għandhom x'jaqsmu ma' l-*Authorisation Services,* li l-*memoranda* tagħhom diġà huma lesti;

g) L-organizzazzjoni u l-ko-ordinament tal-funzjonijiet relatati ma' l-*authorisation, execution* u *accounting* tal-*Paying Agency;*

h) L-irrappurtar lis-Segretarju Permanenti, kull tliet xhur jew skond il-ħtieġa, permezz ta' l-Awtorità Kompetenti, ta' xi *issue* li ma tkunx taqbel mar-Regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-funzjonijiet tal-*Paying Agency* u jagħmel/tagħmel rakkomandazzjonijiet bil-miktub dwarha;

i) Il-preparazzjoni ta' dokumentazzjoni neċessarja, biex tingħieb fil-Qrati Kriminali tal-Ġustizzja ta' Malta kull meta xi bdiewa jissottomettu xi lmenti dwar ħlas li jkun ingħatalhom iżda li ma jkunx ħaqqhom, kif rifless fl-*EAGGF - Guarantee Section;*

j) L-irrappurtar u l-għoti ta' rakkomandazzjonijiet bil-miktub għal soluzzjonijiet lill-Awtorità Kompetenti u lis-Segretarju Permanenti kull darba li hu/hi jinduna/tinduna b'ċirkustanzi li jistgħu jfixklu lill-*Paying Agency* milli tikkonforma ruħha ma' l-avviż legali dwar ir-Regolamenti tal-*Paying Authority* Nru. 126 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-12 ta' Marzu 2004 u/jew ma' emendi sussegwenti għal dawn ir-regolamenti;

k) Il-ko-ordinament u t-tmexxija tal-fażijiet kollha ta' l-*accounting* għall-pagamenti, l-eżekuzzjoni tal-pagamenti, is-servizz ta' l-*Internal Audit* u servizzi delegati oħra li għandhom x'jaqsmu ma' l-awtorizzazzjoni u servizzi tekniċi;

(c) Provision of all necessary support through the Competent Authority as defined in Annex 1 of Legal Notice No. 126 of 2004 published in the Government Gazette dated 12th March 2004 regarding the Paying Agency Regulations;

(d) To manage and/or discharge such other responsibilities as may, from time to time be assigned by the Ministry for Rural Affairs and the Environment Competent Authority in line with EU Directives;

(e) To manage, on behalf of the European Union, the assistance derived from the Common Agricultural Policy and/or any market intervention and the structuring of the agricultural sector that is financed by the EAGGF - Guarantee Section. The Manager of the Paying Agency may choose to delegate all or part of the Authorisation function, including the technical service, but he/she remains responsible for the correct application of the delegated tasks;

(f) To coordinate, manage and approve all manuals of procedures of the Paying Agency - EAGGF Guarantee Section - including also the manual of procedures regarding the Authorisation Services, the memoranda of which are already in place;

(g) To organize and co-ordinate functions related to the authorization, execution and accounting of the Paying Agency;

(h) To report to the Permanent Secretary, quarterly or as necessary, through the Competent Authority, on any issue that is in default with EU Regulations regarding the functions of the Paying Agency and submitting documented recommendations;

(i) To prepare the necessary documentation to be submitted to the Malta Courts of Justice whenever farmers submit complaints in connection with undue payments reflecting EAGGF - Guarantee Section;

(j) To report and to give documented recommendations for solutions to the Competent Authority and to the Permanent Secretary every time he/she is aware of any circumstance that may impede compliance by the Paying Authority to Legal Notice No. 126 regarding the Paying Agency Regulations published in the Government Gazette dated 12th March 2004 and/or subsequent amendments to these regulations;

(k) To co-ordinate and to manage all phases of the accounting for payments, execution of payments, Internal Audit service and of other delegated services regarding the authorisation and technical services;

(l) Il-ko-ordinament u t-tmexxija tal-ħtiġiet kollha ta' l-Unjoni Ewropea kif indikati fir-Regolament ta' l-EU Nru. 1663/95 u t-tmexxija ta' l-iskemi kollha ta' għajnuna dwar l-*EAGGF - Guarantee Section* u l-iskemi ta l-*SMPPMA* kif stabbiliti fin-negozjati bejn Malta u l-Unjoni Ewropea;

(l) To co-ordinate and to manage all EU requirements indicated by EU Regulation No. 1663/95 and to manage all aid schemes regarding EAGGF - Guarantee Section and SMPPMA schemes established in the negotiations between Malta and the European Union;

(m) Iservi/Isservi ta' ħolqa bejn il-*Paying Agency* u d-Direttorat ta' l-*Internal Audit,* l-Uffiċċju tal-Kabinett u n-*National Audit Office*, minħabba li dan l-uffiċċju ġie stabbilit bħala s-*Certifying Body* f'konformità ma' Artikolu 3 tar-Regolament ta' l-EU Nru. 1663/95;

(m) To liaise with the Internal Audit Directorate, the Cabinet Office and the National Audit Office, since this Office has been established as the "Certifying Body" in compliance with Article 3 of EU Regulation No. 1663/95;

(n) Jidentifika *vis-a-vis* l-aħjar żvilupp ta' strateġija, it-teknoloġija ta' l-informatika f'relazzjoni mat-tmexxija effiċjenti tal-*Paying Agency*;

(n) To identify, vis-a-vis the best strategy development, information technology related to the efficient management of the Paying Agency;

(o) Il-preparazzjoni ta' *returns* tal-kontijiet biex jiġu sottomessi lill-Kummissjoni, kull xahar u kull sena, f'rabta ma' perjodi ta' żmien rigoruż;

(o) To prepare the monthly and annual returns of accounts to the Commission in respect of rigorous time-scales;

(p) L-osservazzjoni u l-evalwazzjoni tal-progress tal-fondi tal-*budget* fi stadji diversi matul is-sena finanzjarja;

(p) To monitor and evaluate the progress of budget funds at various stages during the financial year;

(q) L-analiżi ta' ħtiġiet ta' taħriġ għar-riżorsi umani tekniċi u mhux tekniċi tal-*Paying Agency* biex tiġi żgurata t-tmexxija effettiva ta' l-*EAGGF - Guarantee Section* għat-transfer effiċ jenti ta' ħlasijiet;

(q) To carry out training needs analysis for the technical and non-technical human resources of the Paying Agency to ensure effective management of the EAGGF - Guarantee Section efficient transfer of payment;

(r) Il-ħarsien tal-liġi nazzjonali kif indikat fl-avviż legali dwar il-*Paying Authority* Nru. 126 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-12 ta' Marzu 2004 - u/jew emendi sussegwenti għal dawn ir-regolamenti;

(r) To manage national law as indicated in legal notice regarding the Paying Agency Legislation No. 126 published in the Government Gazette dated 12 March 2004 - and/or subsequent amendments to these regulations;

(s) Il-ko-ordinament ta' l-attivitajiet tas-Servizzi Delegati, kemm fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u kemm barra minnu, fejn għandhom x'jaqsmu r-rabtiet ammistrattivi u informatiċi neċessarji mal-*Paying Agency;*

(s) To co-ordinate also all the activities of Delegated Services within and outside the Ministry for Rural Affairs and the Environment regarding the necessary administrative/informatics linkage with the Paying Agency;

(t) Jirrapreżenta/Tirrapreżenta l-*Paying Agency* fuq livell Nazzjonali, fuq dak ta' l-Unjoni Ewropea u fuq dak Internazzjonali.

(t) To represent at National Level, EU and International Levels, the Paying Agency.

5.1 L-applikanti għandhom:-

5.1 Applicants must:-

(a) ikunu ċittadini Maltin;

(a) be citizens of Malta;

(b) ikollhom *degree* rikonoxxuta f'wieħed minn dawn l-oqsma ta' studju:

(b) be in possession of a recognised degree in one of the following areas of studies:

Business Management, Accountancy, Ekonomija, Studji Ewropej, jew oqsma oħra relatati

Business Management, Accountancy, Economics, European Studies, or related fields;

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku għandhom jippreżentaw il-formola (GP 47) *Service and Leave Record Form;* applikanti oħra għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ

c) be of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47), those applying from outside the Service must produce a Police Certificate of Conduct issued not earlier

mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa ta' dawn l-applikazzjonijiet, kif ukoll jgħidu qatt kinux impjegati tal-Gvern u jagħtu dettalji);

(d) ikunu kapaċi jikkomunikaw tajjeb ma' ħaddieħor, kemm bil-kitba kif ukoll bil-fomm, u jkunu jafu b'mod eċċellenti l-lingwa Ingliża.

5.2 Tingħata preferenza lil dawk il-kandidati li:

a) juru inizjattiva, kreattività u impenn;

b) għandhom rekord ippruvat fit-tmexxija ta' proġetti;

ċ) jkollhom esperjenza f'sitwazzjonijiet *start-up*.

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Artikolu 7 ta' l-Att ta' l-2000 dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lil Ministeru riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7. Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa li tagħmel taħriġ kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

8. Il-persuna magħżula trid tkun lesta li ssiefer fuq xogħol ta' spiss.

9. L-ingaġġ ikun ibbażat fuq ġimgħa ta' erbgħin siegħa xogħol, għalkemm l-esiġenzi tax-xogħol jistgħu jinħtieġu aktar ħin jew ħinijiet irregolari.

10. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

11.1 Bord ta' l-Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun l-aktar adattat għal din il-pożizzjoni.

11.2 Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-

than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details);

(d) have excellent communication skills, both written and spoken, and an excellent command of the English language.

5.2 Preference will be given to candidates who:

(a) demonstrate initiative, creativity and commitment;

(b) have a proven track record in project management;

(c) have experience in start-up situations.

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, 2000, even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of the clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Ministry and copied to the NCPD.

7. The selected applicant may be required to undertake training both in Malta and abroad.

8. The selected applicant must be willing to travel frequently abroad on official business.

9. The candidate will generally be expected to work on a 40 hour week basis, although exigencies of the position will require working additional or irregular hours.

10. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals should be presented for verification at the interview).

11.1 Eligible applicants will be interviewed by a selection Board to assess their suitability for the position.

11.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board

notice-board ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

12. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi żgurat li hija adattata għal din il-pożizzjoni.

13. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li mhumiex uffiċjali pubbliċi jew kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma uffiċjali pubbliċi (skond kif applikabbli), liema kuntratti jidhru f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code*. Il-*Public Service Management Code* tista' tiġi aċċessata fuq il-*website* tal-MPO fl-indirizz:-http://www.mpo.gov.mt.

14. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent (Sezzjoni tar-Riżorsi Umani), 14, Triq MA Vassalli, Valletta sa mhux aktar tard minnofsinhar tal-Ġimgħa, l-14 ta' Mejju 2004.

15. Formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:-*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mingħand id-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

16. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* huwa 0356 - 21224944.

17. (a) Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għal kull applikazzjoni li titwassal fid-Dipartiment.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

It-13 ta' April, 2004

of the Office of the Public Service Commission and that of the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the result.

12. The selected applicant will medically examined to ascertain that he/she is fit for the position.

13. On engagement, the selected applicant will be bound by the terms and conditions stipulated in the contracts of non-public / public officers, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the MPO website at address:-http://mpo.gov.mt.

14. Applications, together with a detailed curriculum vitae showing qualifications and experience will be received in the first instance by the Director of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment (Human Resources Section) 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, by not later than noon of Friday, 14th May, 2004.

15. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Director, Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

16. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application form duly signed by the applicant must reach the Director of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment (Human Resources Section) 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Department is 0356 - 21 224 944.

17. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment within seven (7) days.

13th April, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Consultant Geriatrician* fid-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità, fil-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adattati u b'esperjenza għall-postijiet ta' *Consultant Geriatrician* fid-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità.

2. Il-post ta' *Consultant Geriatrician* għandu salarju ta' Lm10,279 fis-sena.

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u regolamenti li jirregolaw minn żmien għal żmien is-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali, u d-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità b'mod partikolari. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

3.2. Il-persuna nominata tkun soġġetta għal ġimgha ta' 40 siegħa fuq sitt ijiem u wara tkun tista' tissejjaħ fuq bażi ta' *roster*.

3.3. Il-ħinijiet tax-xogħol tal-persuna nominata mhux bilfors ikunu limitati għal dmirijiet ta' filgħodu, imma skond l-esiġenzi tas-servizz, sessonijiet ta' wara nofsinhar magħduda s-sessjonijiet ta' *outpatients* jistgħu jsiru skond l-arranġamenti approvati mid-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità.

3.4. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tgħin fi tkabbir u l-iżvilupp kontinwu tas-Servizzi Ġerjatriċi f'Malta billi:-

(a) tiżviluppa Servizz ta' *Day Care* u *Day Hospital* fl-Isptarijiet Ġerjatriċi f'Malta;

(b) ittejjeb il-faċilitajiet għall-*acute in-patient care* fir-Residenza San Vincenz de Paule; u

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Consultant Geriatrician in the Department for the Elderly and Community Care, Ministry for Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced Medical Practitioners for the posts of Consultant Geriatrician in the Department for the Elderly and Community Care within the Ministry for Health, the Elderly and Community Care.

2. The post of Consultant Geriatrician carries a salary of Lm10,279 per annum.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full time basis and is subject to any rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Department for the Elderly and Community Care in particular. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

3.2. The appointee will be conditioned to a 40-hour-six day week and may be on call thereafter on a roster basis.

3.3. The working hours of the appointee shall not necessarily be limited to morning duties, but in accordance with the exigencies of the service, afternoon sessions including outpatient sessions may have to be carried out as per arrangements approved by the Department for the Elderly and Community Care.

3.4. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The selected candidates will be required to help in the improvement and continuous development in the Geriatric Services in Malta as regards to:-

(a) the development of Day Care Service and Day Hospital Service in Geriatric Hospital in Malta;

(b) the improvement of the facilities for acute in-patient care at St Vincent de Paule Residence; and

(ċ) tiżviluppa *Health Care Team* multi-dixxiplinarju għal Servizz fl-Isptar kif ukoll fil-Komunità.

5.2. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa li tagħmel regolarment sessjonijiet speċjalizzati fiċ-Ċentri tas-Saħħa skond programmi approvati dwar kura fil-komunità u tista' tkun meħtieġa li tagħti servizz f'xi estensjoni futura oħra ta' servizz tas-saħħa kif provdut taħt Skema Nazzjonali komprensiva tas-Saħħa.

5.3. Meta l-persuna nominata tkun *Admitting Consultant* (fuq xogħol), tista' tkun meħtieġa li tattendi għall-ħtiġiet tal-pazjenti skond l-esiġenzi tas-servizz. Hi għandha, dak in-nhar filgħaxija, iddur is-sala biex taċċerta, sakemm hu prattikabbli, li kull dħul ta' emerġenza li jsir wara nofsinhar u kmieni filgħaxija jiġi eżaminat minnha fl-istess ġurnata tad-dħul.

5.4. Il-persuna nominata tkun responsabbli li taċċerta li d-dixxiplina u l-prattika fis-sala (inklużi l-aspetti ta' l-iġjene) li jaffettwaw il-pazjenti taħt il-kura tagħha, ikunu l-ogħla livell possibbli.

5.5. Il-persuna nominata tkun responsabbli li taċċerta t-twettiq ta' programm kontinwu ta' taħriġ u edukazzjoni għall-i*staff* li jieħu ħsieb il-pazjenti taħt il-kura tagħha.

5.6. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tkopri lill-*Consultant Geriatricians* l-oħra fl-assenza tagħhom kif ikun meħtieġ.

6. L-applikanti għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

(ċ) ikollhom:

JEW

(i) evidenza ta' eliġibilità ta' reġistrazzjoni bħala *Specialist* fl-ispeċjalità fl-Unjoni Ewropea;

JEW

(ii) kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fl-ispeċjalità u sentejn esperjenza fil-grad ta' *Senior Registrar* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta;

JEW

(iii) kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fl-ispeċjalità u ħames snin ta' esperjenza fl-ispeċjalità wara li jkunu ġabu l-imsemmija kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni;

(c) the development of a multidisciplinary Health Care Team for Hospital as well as in the Community Service.

5.2. The appointee may be required to hold regular specialised clinics in the Health Centres in accordance with approved community care programmes and may also be required to provide service in any future extension of health services as provided under a comprehensive National Health Scheme.

5.3. When the appointee is the Admitting Consultant (on call) he/she may be required to attend to the needs of patients according to the exigencies of the service. He/She is to perform an evening ward round on that date with a view to ensuring, as far as it is reasonably practicable, that emergency admissions in the afternoon and early evening are seen by him/her on the same day of admission.

5.4. The appointee shall be responsible to ensure that ward discipline and practice (including aspects of hygiene) affecting patients under his/her care are of the highest possible level.

5.5. The appointee shall be responsible to ensure the implementation of an ongoing/continuing training and education programme in respect of the staff caring for the patients under his/her charge.

5.6. The appointee will be expected to provide cover for the absence of the other Consultant Geriatricians as may be reasonably required.

6. Applicants must be:

(a) citizens of Malta;

(b) in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

(c) in possession of:

EITHER

(i) evidence of eligibility for Specialist registration in the speciality in the European Union;

OR

(ii) a higher postgraduate qualification in the speciality and two years experience in the grade of Senior Registrar in the Malta Public Service;

OR

(iii) a higher postgraduate qualification in the speciality and five years experience in the speciality following the attainment of the said higher postgraduate qualification;

(d)ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern u jagħtu dettalji).

7. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn bdil raġonevoli skond Artikolu 7 ta' l-Att ta' l-2000 dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post/pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post/pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-post.

9.1. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippublika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

10. Il-persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adattati għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

jew jinkisbu mid-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità, Ċentru Ħidma Soċjali, 469, Triq il-Kbira San Ġużepp, Sta Venera.

(d) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); other applicants must produce a Police certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

7. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, 2000, even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post/position provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

9. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.1. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Department for the Elderly and Community Care. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the result.

10. Applicants selected for appointment will be medically-examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

or obtained from the Department for the Elderly and Community Care, Ċentru Ħidma Soċjali, 469, Triq il-Kbira San Ġużepp, St Venera.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur, Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità, Ċentru Ħidma Soċjali, 469, Triq il-Kbira San Ġuzepp, Sta Venera, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Mejju 2004.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Dipartiment mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu +356-2149 4690.

14. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Dipartiment.

(b)Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbgħatu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur, Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Kommunità jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-13 ta' April, 2004

12. The prescribed application forms, together with a curriculum vitae and the names of two referees, will be received in the first instance by the Director, Department for the Elderly and Community Care, Ċentru Ħidma Soċjali, 469, Triq il-Kbira San Ġużepp, St Venera, by not later than noon of Friday, 14th May 2004.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Department by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Department is +356 - 2149 4690.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director, Department for the Elderly and Community Care and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Director, Department for the Elderly and Community Care within seven (7) days.

13th April, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Research Assistant* fl-*Information Society Secretariat* fil-Ministeru għat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u l-Investiment

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Research Assistant,* fl-*Information Society Secretariat,* fil-Ministeru għat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u l-Investiment

2.1. Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Research Assistant* ma' l- *Information Society Secretariat,* liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi ta' tliet snin fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Research Assistant* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Research Assistant Information Society Secretariat at the Ministry for Information Technology and Investment

The Public Service Commission invites applications for the position of Research Assistant in the Information Society Secretariat, in the Ministry for Information Technology and Investment.

2.1. The selected candidate will be expected to enter into a three-year performance contract as a Research Assistant with the Information Society Secretariat, which may be renewed thereafter for periods of three years subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as a Research Assistant during the contract period will lend to termination of contract.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku hija żżomm il-grad sostantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal dan il-grad sostantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx uffiċjal pubbliku, is-servizz tagħha mal-Ministeru għat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u l-Investiment kif ukoll mal-Gvern jintemm fil-każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku, u matul il-perjodu tal-kuntratt tinħatar fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn skala 7, hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-dmirijiet ta' *Research Assistant* u li tkun trasferita għad-dmirijiet relatati mal-grad il-ġdid tagħha. Barra minn hekk, jekk is-salarju sostantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 7 permezz ta' *progression,* il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma tiġix offruta tiġdid tal-kuntratt.

3. Is-salarju għal pożizzjoni ta' *Information Society Secretariat* huwa ta' Lm7,888 (l-ogħla salarju ta' Skala 7) fis-sena. F' każ li l-persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sostantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4.1. Persuna fil-pożizzjoni ta' *Research Assistant* trid taħdem taħt id-direzzjoni u l-istruzzjonijiet tas-Segretarju Permanenti, fl-*Information Society Secretariat* u trid twieġeb u tagħti rendikont tax-xogħol tagħha lill-istess Segretarju Permanenti. Persuna fil-pożizzjoni ta' *Research Assistant* tkun responsabbli, fost l-oħrajn, għal dawn id-dmirijiet:

(i) tipparteċipa b'mod attiv f'kull livell fl-iżvilupp u implimentazzjoni ta' l-Istrateġija Nazzjonali ta' l-ICT. Tirrapreżenta lis-*Senior Manager* ta' l-ISS f'kumitati, laqgħat u attivitajiet oħra.

(ii) tassigura li s-*Senior Manager* ta' l-ISS ikun mgħarraf b'kull deċiżjoni importanti, u tagħti pariri fuq l-aspetti kollha tad-dmirijiet ta' l-uffiċjali, ibbażati fuq pjan informattiv ta' l-istess dmirijiet. Tagħti pariri lis-*Senior Manager* ta' l-ISS fuq inizjattivi relatati speċifikament ma' l-ICT, u tirrakkomanda modi ta' kif tista' timxi 'l quddiem is-sistema lokali meta mqabbla ma' dik internazzjonali.

(ii) tipparteċipa b'mod attiv fil-laqgħat u konferenzi, kemm lokalment u internazzjonalment, u tipprovdi rapport lis-*Senior Manager* ta' l-ISS. Tlaqqa' flimkien lill-i*stakeholders* u/jew organizzazzjonijiet speċifiċi skond il-bżonn. Tieħu sehem fix-xogħol tan-*National Information Society Advisory Council (NISCO)* u fis-sotto kumitati ta' l-istess kunsill.

2.2. If the selected candidate is a Public Officer, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to hisċher substantive grade on termination of the contract. In the case of an appointee who is not a Public Officer, hisċher service with the Ministry for Information Technology and Investment as well as with Government will be terminated in the event that hisċher contract is not renewed or terminated.

2.3. If the selected candidate is a Public Officer and during the contract period, is appointed to a grade with a salary scale higher than scale 7, the officer will be required to relinquish the duties of Research Assistant and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. Moreover, if the substantive salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force at the time, but will not be offered subsequent renewal of the contract.

3. The position of Research Assistant, Information Society Secretariat attracts a salary of Lm7,888 (maximum of Salary Scale 7) per annum. In the case that the selected applicant is a Public Officer, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4. The Research Assistant shall work under the direction and instructions of the Senior Manager of the Information Society Secretariat and will at all times be answerable to, and give account of his/her work to the Senior Manager. The Research Assistant shall be responsible, inter alia, for the following tasks:

(i) participate actively at all levels, in the development and implementation of the National ICT Strategy. Represent the Senior Manager of ISS in committees, meetings and other events.

(ii) ensure that the Senior Manager of ISS is appropriately briefed on all issues of substance and to provide advice to him/her on all aspects of the officer's tasks based on an informed understanding of such tasks. Provide advice to the Senior Manager of ISS on specific ICT related initiatives and recommends way to forward for possible emulation of international best practice to the local scenario.

(iii) actively participate in meetings and conferences, locally and abroad and provide feedback to the Senior Manager of ISS. Conduct meetings with a number of stakeholders, including sector specific organisations as may be necessary. Be involved in the work of the National Information Society Advisory Council (NISCO) and play an active role in its sub-committees.

(iv) tmexxi riċerki dwar l-ICT u l-aspetti relatati skond il-bżonn.

(v) taċċetta responsabilitajiet u struzzjonijiet ta' xogħol oħra mingħand is-*Senior Manager* ta' l-ISS.

4.2. Barra minn hekk, persuna fil-pożizzjoni ta' *Research Assistant* trid ukoll twettaq xogħol ieħor, skond id-direzzjoni jew l-istruzzjonijiet li minn żmien għal żmien jista' jagħtiha s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u l-Investiment. Fit-twettiq ta' dawn id-dmirijiet hawn fuq imsemmija, l-uffiċjal għandu jaħdem b'mod diliġenti u leali fl-aħjar interess tal-Ministeru għat-Teknologija ta' l-Informazzjoni u l-Investiment.

5.1. L-applikanti għandhom:

a) ikunu ċittadini Maltin;

b) ikollhom jew għandhom l-approvazzjoni ta' l-Università għall-għoti ta' *post-graduate degree* fl-Istudji tal-Komunikazzjoni

JEW

ikollhom Baċellarat fl-Istudji tal-Komunikazzjoni u mill-inqas tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol fil-qasam tal-komunikazzjoni;

ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb, (l-applikanti li huma impjegati tal-Gvern, għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern u jagħtu d-dettalji).

5.2. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li huma:

a) imħarrġa fl-immaniġjar ta' diversi proġetti, għandhom għarfien fi *programme management* u kapaċi jorganizzaw u jippjanaw.

b) jifhmu fl-inizjattivi kurrenti u internazzjonali ta' l-ICT, kemm f'livell soċjali u ekonomiku.

ċ) b'esperjenza fit-teknika ta' kif jieħdu deċiżjoni u jsolvu l-problemi.

d) effiċjenti u kapaċi fil-kitba u komunikazzjoni, u bi kwalitajiet tajba ta' kif issir preżentazzjoni.

6. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn bdil raġonevoli skond Artikolu 7 ta' l-Att ta' l-2000 dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post/pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-

(iv) carry out research in the ICT related aspects as may be necessary. Prepare background papers on ICT related topics.

(v) carry out other duties under the direction and instructions of the Senior Manger of ISS.

4.2. In addition, the Research Assistant shall also carry out such other tasks as he/she may, from time to time, be directed and instructed by the Senior Manager of the Information Society Secretariat. In performing the above-listed tasks, the officer shall work diligently and loyally in the best interests of the Ministry.

5.1. Applicants must be:-

a) citizens of Malta;

b) in possession of, or have been approved by a recognised University for the award of a postgraduate degree in Communication Studies

OR

a first degree in Communication Studies plus at least three (3) years work experience in Communications;

c) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); other applicants from outside the Service must produce a Police Certificate of Conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.2. Due consideration will be given to applicants who are:

a) skilled in managing multiple projects, possess a knowledge of programme management and trained in organisational and planning skills.

b) show an understanding of current and international ICT initiatives at both societal and economical level.

c) experienced in decision making and problem solving technique.

d) proficient in verbal and written communication skills and good presentation techniques.

6. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, 2000, even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post/position provided they can carry out, in essence, the duties

dmirijiet relatati mal-post/pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun l-iktar adattat għall-pożizzjoni.

7.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippublika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik fil-Ministeru għat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u l-Investiment. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti. (Fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjonijiet u dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9. Il-persuna magħżula jkollha toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adattata għall-pożizzjoni.

10. Malli jkunu ingaġġati, il-persuni magħżula jintrabtu bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li mhumiex uffiċjali pubbliċi jew kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma uffiċjali pubbliċi (skond kif applikabbli), liema kuntratti jidhru f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code*. Il-*Public Service Management Code* tista' tiġi aċċessata fuq il-*website* tal-MPO fl-indirizz:-http://www.mpo.gov.mt

11. Jista' jinħtieġ li l-persuna magħżula tattendi korsijiet f'Malta jew barra minn Malta.

12. Il-persuna magħżula li ssiefer biex tagħmel korsijiet tintrabat bil-kundizzjonijiet relevanti skond il-*Public Service Management Code*.

13. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.mt/downloads/recruitmalti.pdf

related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess his/her suitability for this position.

7.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry for Information Technology and Investment. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the result.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, (photocopies to be included with applications;ġ originals to be produced for verification at the interview).

9. The selected candidate will be medically examined to ascertain that heċshe is fit for the position.

10. On engagement, selected applicants will be bound by the terms and conditions stipulated in the contracts for non-public/public officers, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the MPO web site at address:-http://www.mpo.gov.mt

11. The selected applicant may be required to attend courses in Malta or abroad.

12. The selected applicant proceeding abroad to follow courses will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

13. Application forms may be downloaded from the following web sites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.mt/downloads/recruitenglish.pdf

jew jinkisbu mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, fil-Ministeru għat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u l-Investiment, Palazzo Verdelin, 111, Triq l-Arċisqof, Valletta.

14. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *Curriculum Vitae,* jintlaqgħu primarjament mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u l-Investiment, 111, Palazzo Verdelin, Triq l-Arċisqof, Valletta sa mhux aktar tard min-nofsinhar tal-Ġimgħa, 14 ta' Mejju 2004.

15. L-applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha mħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u l-Investiment sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni huwa +356-2123 6187.

16. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u l-Investiment.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi sad-data ta' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta bil-posta mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għat-Teknologija ta' l-Informazzjoni u l-Investiment fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-13 ta' April, 2004

or obtained from the Office of the Permanent Secretary, Ministry for Information Technology and Investment, Palazzo Verderin, 111, Triq l-Arċisqof, Valletta.

14. Applications, together with a Curriculum Vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Permanent Secretary, Ministry for Information Technology and Investment, Valletta by not later than noon of Friday, 14th May 2004.

15. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Office of the Permanent Secretary by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Office is +356-2123 6187

16. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Office of the Permanent Secretary and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Office of the Permanent Secretary within seven days.

13th April, 2004

AWTORITÀ TA' L-ISTATISTIKA TA' MALTA

Riżultat ta' Intervisti għall-Pożizzjoni ta' Assistent Librar fl-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika

Id-Direttur Ġenerali, Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika jgħarraf li wieħed jista' jara r-riżultat ta' l-intervisti għall-pożizzjoni msemmija hawn fuq fin-*notice-board* ta' l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, Lascaris, Valletta fil-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

It-13 ta' April, 2004

MALTA STATISTICS AUTHORITY

Result of Interviews for the Position of Library Assistant with the National Statistics Office

The Director General, National Statistics Office notifies that the result of the interviews for the above-mentioned position has been published and may be viewed on the notice board of the National Statistics Office, Lascaris, Valletta during office hours.

13th April, 2004

FORZI ARMATI TA' MALTA

Il-Forzi Armati ta' Malta matul ix-xahar ta' Mejju 2004, se jwettqu programm ta' sparar attiv fir-*ranges* ta' Pembroke fid-dati u l-ħinijiet indikati hawn taħt:

Mit-Tnejn, it-3 sal-Ġimgħa, is-7 ta' Mejju 2004 mis-7.00 a.m. sa l-4.00 p.m.

Mit-Tnejn, l-10 sal-Ġimgħa, l-14 ta' Mejju 2004 mis-7.00 a.m. sa l-4.00 p.m.

Mit-Tnejn, is-17 sal-Ġimgħa, il-21 ta' Mejju 2004 mis-7.00 a.m. sa l-4.00 p.m.

Mit-Tnejn, l-24 sal-Ġimgħa, it-28 ta' Mejju 2004 mis-7.00 a.m.sa l-4.00 p.m.

It-Tnejn, il-31 ta' Mejju 2004 mis-7.00 a.m. sal-4.00 p.m.

Il-bastimenti kollha għandhom iżommu żewġ (2) mili 'l bogħod mix-xatt ta' Pembroke matul id-dati u l-ħinijiet imsemmija.

Bnadar ħomor jittellgħu mil-limiti tar-*ranges* waqt li dawn ikunu attivi.

It-13 ta' April, 2004

ARMED FORCES OF MALTA

The Armed Forces of Malta during the month of May 2004, will be holding a live firing practice at Pembroke Ranges on the following dates and timings as indicated hereunder:

From Monday, 3rd to Friday, 7th May 2004 from 7.00 a.m. to 4.00 p.m.

From Monday, 10th to Friday, 14th May 2004 from 7.00 a.m. to 4.00 p.m.

From Monday, 17th to Friday, 21st May 2004 from 7.00 a.m. to 4.00 p.m.

From Monday, 24th to Friday, 28th May 2004 from 7.00 a.m. to 4.00 p.m.

On Monday, 31st May 2004 from 7.00 a.m. to 4.00 p.m.

All vessels are to keep two (2) miles off Pembroke coast during the above dates and timings.

Red flags will be flown from the limits of the ranges concerned.

13th April, 2004

KUNSILL LOKALI SANTA LUĊIJA

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skond l-artikolu 70 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Att Nru. XV ta' l-1993), se ssir laqgħa annwali tal-lokalità nhar il-Ħamis, il-15 ta' April, 2004 fis-Sala Parrokkjali, Parroċċa San Piju X fis-7.30 p.m.

Waqt din il-laqgħa, il-pubbliku jkollu l-opportunità biex iressaq suġġerimenti għall-*budget* għas-sena finanzjarja 2004/2005.

Ir-residenti li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali tal-Kunsill Lokali huma mistiedna li jattendu.

It-13 ta' April, 2004

SANTA LUĊIJA LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

In accordance with section 70 of the Local Councils Act (Act No. XV of 1993), an annual locality meeting will be held on Thursday, 15th April, 2004 at the Parish Hall, Parish Church Saint Pius X at 7.30 p.m.

During this meeting the public will have the opportunity to forward suggestions for the budget of the financial year 2004/2005.

All residents whose names appear in the last Local Council's Electoral Register are invited to attend.

13th April, 2004

KUNSILL LOKALI MDINA

Laqgħa tal-Lokalità

Skond l-artikolu 70 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Att Nru. XV ta' l-1993), se ssir laqgħa annwali tal-lokalità nhar il-Ħamis, id-29 ta' April, 2004 fil-Kunsill Lokali Mdina fis-6.30 p.m.

It-13 ta' April, 2004

MDINA LOCAL COUNCIL

Locality Meeting

In accordance with section 70 of the Local Councils Act (Act No. XV of 1993), a locality meeting will be held on Thursday, 29th April, 2004 at the Local Council, Mdina at 6.30 p.m.

13th April, 2004

KUNSILL LOKALI MOSTA

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skond l-artikolu 70 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Att Nru. XV ta' l-1993), se ssir laqgħa annwali tal-lokalità nhar it-Tnejn, id-19 ta' April, 2004 fis-Sala tal-Komunità, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta fis-7.15 p.m.

Ir-residenti li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali tal-Kunsill Lokali tal-Mosta huma mistiedna li jattendu u jipparteċipaw għal din il-laqgħa.

Il-parteċipanti huma mħeġġa li jagħtu s-suġġerimenti tagħhom għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

It-13 ta' April, 2004

MOSTA LOCAL COUNCIL

Annual Public Meeting

In accordance with section 70 of the Local Councils Act (Act No. XV of 1993), an annual public meeting will be held on Monday, 19th April, 2004 at the Community Hall, Civic Centre, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta at 7.15 p.m.

All residents whose names appear in the last Mosta Local Council's Electoral Register are urged to attend and to participate in this meeting.

All participants can put forward their suggestions for the Councils consideration.

13th April, 2004

KUNSILL LOKALI GĦARB

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skond l-artikolu 70 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Att Nru. XV ta' l-1993), se ssir laqgħa annwali tal-lokalità nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' April, 2004 fis-Sala tal-Kunsilli Lokali, Triq il-Viżitazzjoni, Għarb fis-6.00 p.m.

Dawk ir-residenti kollha li isimhom jidher fuq l-aħħar Reġistru Elettorali tal-Lokalità huma mistiedna li jattendu.

It-13 ta' April, 2004

GĦARB LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

In accordance with section 70 of the Local Councils Act (Act No. XV of 1993), an annual locality meeting will be held on Friday, 16th April, 2004 at the Local Council's Hall, Triq il-Viżitazzjoni, Għarb at 6.00 p.m.

All residents whose name appears on the Locality's last Electoral Register are invited to attend.

13th April, 2004

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-15 ta' April, 2004, għal:

CT 39/2004. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' xugamani lis-Sezzjoni tal-*Procurement* tad-Dipoartiment tal-Kuntratti.

CT 59/2004. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *marine* u *meranti plywood* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-20 ta' April, 2004, għal:

CT 71/2004. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *PVC boots* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 69/2004. Xogħlijiet fi Triq l-Industrija, Żona Industrijali ta' Ħal Qormi, Ħal Qormi – Direttorat tat-Toroq. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-22 ta' April, 2004, għal:

CT 9/2004. Applikazzjonijiet għall-għajnuna għall-bdiewa Maltin biex jirranġaw ħitan tas-sejjieħ imwaqqgħin li jinsabu f'għelieqi mtarrġa u li jservu biex jirfdu u jżommu l-ħamrija f'posta (taħt l-iskema tar-*Rural Stewardship)* - Ministeru ta' l-Affarijiet Rurali u ta' l-Ambjent). Il-formola ta' l-applikazzjoni li tinkludi tagħrif dettaljat dwar din l-iskema tista' tinkiseb mill-uffiċċji ta' l-*Extension Services* tal-Mosta, Ħaż-Żabbar, ir-Rabat, is-Siġġiewi, u miċ-Ċentru ta' l-Agrikoltura Nazzjonali għar-Riċerka u Żvilupp, l-Għammieri, il-Marsa f'Malta u l-Uffiċċju ta' l-*IACS,* ir-Rabat, f'Għawdex bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa, (7.00 a.m. sas-2.00 p.m.). Proġett ta' l-E.U. - Ref: NP2003 Numru tal-Proġett 4573/04.

Applikanti minn Għawdex jistgħu jitfgħu l-offerta tagħhom sad-data ta' l-għeluq u l-ħin, fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru ta' Għawdex, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex.

CT 52/2004. Provvista ta' ħobż mingħajr *gluten* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 53/2004. Provvista ta' injezzjonijiet *streptokinase 1500000iu* - Diviżjoni tas-Saħħa.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 15th April, 2004, for:

CT 39/2004. Period contract for the supply of towels to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 59/2004. Period contract for the supply of marine and meranti plywood to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 20th April, 2004, for:

CT 71/2004. Period contract for the supply of PVC boots to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 69/2004. Works at Triq l-Industrija, Qormi Industrial Zone, Qormi – Roads Directorate. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 22nd April, 2004, for:

CT 9/2004. Applications for aid for Maltese farmers for the restoration of terrace retaining rubble walls (under the Rural Stewardship Scheme) in their fields - Ministry of Rural Affairs and the Environment. The application form including detailed information on this scheme and guidelines can be collected from the Agriculture Extension Services of Żabbar, Mosta, Rabat, Siġġiewi, and from the National Agriculture Research and Development Centre at Għammieri, Marsa in Malta and the IACS Office, Victoria, Gozo between Monday and Friday (7.00 a.m. to 2.00 p.m.). E.U. Project - Ref: NP2003 Project No. 4573/04.

Applicants in Gozo may submit their offers by the set closing date and time, at the Department of Corporate Services, Ministry for Gozo, St. Francis Square, Victoria, Gozo.

CT 52/2004. Supply of gluten free bread - Health Division.

CT 53/2004. Supply of streptokinase 1500000iu injections - Health Division.

CT 54/2004. Provvista ta' pilloli *ferrous sulphate 150-350mg slow release* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 55/2004. Provvista ta' injezzjonijiet *zuclopenthixol decanoate 200mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 68/2004. Xogħlijiet ta' toroq f'Rue d'Argens, il-Gżira – Direttorat tat-Toroq. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-27 ta' April, 2004, għal:

CT 58/2004. Xogħlijiet ta' bini, provvista u stallazzjoni ta' *passenger lifts* fi Blokki A5, B4 u F2, Ta' Xbiex - l-Awtorità tad-Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Awtorità tad-Djar, 12, Triq Pietro Floriani, il-Furjana, wara li jitħallas id-dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, id-29 ta' April, 2004, għal:

CT 60/2004. Kuntratt perjodiku għall-kiri ta' karozzi tat-tip s*elf drive* – Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 61/2004. Provvista ta' pilloli *lamotrigine* 100mg – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 62/2004. Provvista ta' *ear tips disposable* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 63/2004. Provvista ta' injezzjonijiet *colistin sulphomethate 1 mega unit* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 64/2004. Provvista ta' *bandages crepe 15cm* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 65/2004. Provvista ta' *automated system for blood cultures with equipment on loan* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 66/2004. Provvista ta' *ablation catheters* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 67/2004. Provvista ta' *amplatzer devices* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 72/2004. Bejgħ *tale quale* u tneħħija ta' *serviceable Kondor Class patrol craft P30* u l-i*spares* – Forzi Armati ta' Malta.

